NUMRU 28
(1993)

L-GĦID TAL-ASSUNTA

Pittura qadima tal-MADONNA TAL-GRAZZJA li turi l-ewwel purċissjoni b'radd ta' ħajr tal-ħelsien mit-terrimot (1693).
(KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI)

www.gozocathedral.org.mt



Dan hu xi tagħrif b'rabta mal-viżta pastorali ta' żmien l-Isqof Cocco Palmeri wara t-terrimot tas-sena 1693.

1. Tinsab hawn: AAM, VP, XXV, ff.502v-518r.
2. Saret mill-Kan. Don Antonio Manso, Vigarju Ġenerali, bħala Delegat ta' l-Isqof (f.502v).
3. Data: Die Dominica V post Pascham, 4 Maii 1698 (f.502v).
4. Nutar li jissemma ta' sikwit dwar il-legati tal-kolleġġjata ta' l-Assunta hu: Nutar Thomas Debono.
5. Fejn qagħad il-viżitatur?; ''Cum esset hora undecima, se recepit ad aedes D.ni Can. Don Joannis Mariae Vella, Vicarii Foranei, positas in Rabato. (f.502v)
6. Il-Kelmiet l-iżjed importanti dwar ħsarat fil-knisja u l-Bini tal-ġdida: f.518r

''Visitavit corpus ecclesiae de quo solummodo extat navis et sacellum SS.mi Rosarii. **Reliquum vero reperitur destructum.** Nova fabrica, a fundamentis iam incepta, reperietur supra solum elevata usque ad tres palmos et distinguuntur vestigia chori in forma ovata, turris campanaria et oratorii pro confraternitate SS.mi Rosarii in latere sinistro sex pilarum tum pro sustentatione tholi erigendi tum in fornicibus chori et cappellarum brachiorum ac aliarum duarum ex sex travis iuxta schemam Domini Architecti Gafà de mandato Ill.mi et R.mi D.ni confectum''.

L-Isqof D. Cocco Palmeri

Fil-qosir in-numru 6 ifisser f'liema stat kien jinsab il-bini tal-Knisja l-ġdida fuq id-disinn ta' Gafà li ġie Għawdex flimkien mal-Kan. Dun Anton Manso li kien il-Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof ta' dak iż-żmien Cocco Palmeri. Dan juri li l-Knisja l-ġdida kienet diga 'l fuq mill-pedamenti wara sena li kienet bdiet. Kienu twaqqfu wkoll xi sitt pilastri biex fuqhom jinbnew s-saqaf troll tal-kor, il-ħnejjiet tal-kappelluni kif ukoll għall-arkitravi li kienu meħtieġa għall-kostruzjoni li kienet qiegħda ssir. Dan kollox sar fuq id-direzzjoni tal-Gafà. Mill-Knisja l-qadima wara t-terrimot kien fadal biss in-navi u l-Kappellun tal-Madonna tar-Rużarju.

Ħajr lill-Patri Alessandru Bonnici li ġabrilna dan it-tagħrif.

Editur

www.gozocathedral.org.mt

It-Tradizzjoni Bankarja F'Malta



Is-servizz bankarju li joffri il-Mid-Med nafuh u napprezzawh daqs il-festa tar-raħal. Il-Mid-Med għandu tradizzjoni bankarja li tmur lura iżjed minn mitt sena, b-reputazzjoni bħala wieħed mill-aqwa Istituzjonijiet Finanzjarji tal-gzejjer tagħna. Illum, il-Mid-Med jipprovdilek għazla sħiħa ta' servizzi bankarji, ibbażata fuq teknoloġija tal-kompjuter mill-aktar moderna. Dawn huma biss uħud minnhom:

Kontijiet Kurrenti

Jaqbel li jkollok Kont Kurrenti mal-Mid-Med jekk trid li żżomm akkont ta' flusek. Uża ċ-"cheque book" personali tiegħek jew il-"Quikcash Card" u ma jkollokx għalfejn toqgħod iġġorr ħafna flus fuqek.

Kontijiet fi Flus Barranin

Il-flus barranin li għandek żommhom hawn Malta u aqla' imgħax b-rata għolja - ħafna drabi din ir-rata hija ogħla minn dik li ssib band'oħra. Għar-rati ta' l-imgħax, ara l-gazzetta. Ir-rati tal-imgħax issibhom fuq il-gazzetti ta' kuljum.

Is-Self

Il-Mid-Med jipprovdilek il-flus li jkun jonqsok biex tiffinanzja kwalunkwe tip ta' proġett, sew dawk privati kif ukoll dawk kummerċjali.

Mal-Mid-Med jaqbillek żgur.

Mid-Med Bank

B'għadd ta' Fergħat imferrxa ma' Malta u Għawdex.

Il-Mid-Med dejjem tista' torbot fuqu - asal wasla sa waħda mill-fergħat tagħna madwar Malta u Għawdex u tara kif il-Mid-Med bena tradizzjoni ta'servizz bankarju mill-aqwa.

www.gozocable.net.mt

L-GHID TAL-ASSUNTA

28 (1993)
Stampata għall-ewwel darba
Awwissu 1965

Pjazza tal-Katidral,
Rabat, Għawdex.
VCT 103
Tel • 554101

Editur
Arċipriet Carmelo Scicluna

Setting
Joseph Refalo

Stampata
BCD Graphics
Rabat, Gozo.



Mons. Carmelo Scicluna
Arċipriet

MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET

Ninsabu fis-sena 1993. Tliet mit sena wara li fiha kien għamel it-terrimot li ġarraf il-Knisja Matriċi ta' l-Assunta ta' dak iż-żmien. Kienet iġġarfet għal kollox il-Knisja eżistenti. F'eghluq it-300 sena minn din il-ġrajja il-Verġni Marija tixtieq tagħmel użu minn metodu ġdid għall-messaġġ tal-festa ta' din is-sena.

U nisimgħu lill-Verġni Marija tgħidilna:

• Kien hemm tifel iltim. Mar fejn it-tabib ta' l-orfanatrofju. Eżaminah u bagħtu lura ħdejn is-Soru. Din ta' l-aħħar staqsietu x'qallu t-tabib. It-tifel wieġeb: *Kemm għandi saħħti dgħajfa u kemm jien tfajjel imsejken.* Iżda mbagħad it-tifel issokta jgħidilha: *Imma taf għax qalli hekk, il-għaliex it-tabib ma jafx ili llum jien rċevejt L-EWWEL TQARBINA.* Daqsxejn ta'tifel igħallimkom boex fil-ġranet tal-festa l-ewwel u qabel kollox infittxu li nistagħnew fil-veri valuri. Ma għandix tiġi l-festa u tħall barra qrara u tqarbina aħjar mis-soltu.

• Wieħed tifel qabad ajkla li kienet għada fil-bejta. Kienet għada żgħira. U dan it-tifel xehitha mal-flieles li kellhom id-dar biex titrabba magħhom. Iżda din l-ajkla ma tgħallimitx ittir fl-ogħli bħal sħaba, imma tgħallmet ittir fl-għoli daqs tiġieġa biss. Tkun tmisskom l-istess xorti ta' din l-ajkla jekk fil-festa tfittxu l-kumpanija ħażina għax flok titqaddsu aktar f'dawn il-ġranet tkunu qegħdin tinżlu aktar l-isfel fl-*underground* tad-delinkwenza: sokor, kliem ħażin, ta'disprezz kontra tiegħi (Madonna), eċċ ...

• Wieħed tifel ta' tlettax-il sena kien qed jara wieħed mill-marċijiet tal-festa għaddej minn quddiem id-dar tagħhom. Lemaħ erba' standardi: wieħed b'ismi, wieħed abjad i isfar tal-Papa, ieħor abjad u aħmar tan-nazzjon u ieħor bl-arma tal-banda. Dan it-tifel daħal jiġri kemm jiflaħ id-dar u ħareġ bi standard daqshiex li fuqu kien hemm miktub b'ittri kbar il-kelma KARITÀ. Infakkru li l-marċijiet ma jsirux biex:

- tibbuttjaw lill-ġirien bi kliem offensiv;
- tpattuha lil min għamlilkom xi azzjoni ħażina matul is-sena.;
- tużaw kliem iebes lil tan-naħa l-oħra;
- turu li neqsin mill-ispirtu ta' tolleranza.

Tinsewx li l-Karità ma tinbitx fil-ħamrija tal-mibegħda u tal-piki. Jekk ma tgħixux il-karità fil-festa tkunu spiritwalment qegħdin iġġorru f'idejkom xitla velenuza bil-perikli kollha li tista' ġġib magħha.

Fuq kollox Santa Marija tgħidilna li l-festa tat-Tlugħ Tagħha fis-Sema tiġi ta' kull sena kiex:

- fejn hemm il-mibgħeda, tħeġġu l-imħabba;
- fejn hemm il-ħtija, tferrxu l-maħfra;
- fejn hemm id-dubju, iddaħħlu l-fidi;
- fejn hemm iż-qtiegħ il-qalb, tqawwu t-tama;
- fejn hemm id-dlam tkebbsu d-dawl;
- fejn hemm in-niket, ixxerrdu l-ferħ.

J'Alla naħdmu lkoll flimkien biex inwettqu dan il-programm fil-ġranet tal-festa. Żgur li ma nistax nawguralkom festa isbaħ minn din.

www.gozochannel.org.mt

IT-TERREMOT TA' L-1693 U L-KWADRU TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA GĦAND IL-KAPUĊĊINI FIR-RABAT

kitba ta'
Patri Franġisk Azzopardi, Kapuċċin

It-terremot li heżżeż u riegħed lil Sqallija u l-gżejjer ta' Malta u Għawdex f'Jannar tal-1693 kien ġrajja ta' importanza kbira li nkitbet b'interess speċjali[1]

Għalkemm dan it-terremot ma kienx il-waħdieni li nħass mal-mhedda tas-snin f'dawn il-gżejjer, b'danakollu iċ-ċaqlieq qawwi tal-art u l-baħar li nħassu bejn id-9 u il-11 ta'Jannar ta 1693 kexkxu u ħassbu lil kulħadd.

F'Malta waqgħu ħafna djar, palazzi u knejjes, speċjalment fil-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla u Bormla[2]. Imqar il-Kunvent tal-Kapuċċini, li dik il-ħabta kien jinsab " il-barra mis-swar tal-belt" ġarrab ħsarat fil-ħitan tat-tarġ prinċipali[3].

Biċċa kbira mill-Imdina, mibnija kif kienet fuq it-tafal, wara dan it-terremot kellha tinbena mill-ġdid. Fost il-bini li kellu jitwaqqa' u jerġa' jinbena kien ħemm il-Katidral[4].

Minn dak li naqraw dwar Għawdex nifhmu li dik il-ġżira ma ħelsitħiex ħafif lanqas. Il-Knisja Matriċi, kif ukoll dik ta' San Ġorġ u bosta djar oħra ġarrbu ħsarat kbar. Fix-xtajta tax-Xlendi, il-baħar bela' l-art u fl-inħawi ta' Ġebel Sannat biċċa raba' sewwa tkaxxkret mal-ħallel ta' mwieġ l-baħar. Bosta djar faru bl-ilmijiet, waqt li in-nixxigħat u għejun oħra nixfu[5].

Izda, b'għaġeb kbir, waqt li fi Sqallija ntillfu eluf kbar ta' nies, fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex jingħad li ma miet ħadd[6].

Il-Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Fra Adriano de Wignacourt, malajr laqqa' l-kunsill tiegħu u fl-14 ta' Jannar 1693 amar li jsir talb ħerqan quddiem l-Ewkaristija fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Ordna wkoll Purċissjoni Penitenzjali bid-driegħ ta San Ġwann Battista mill-istess knisja għall-ħelsien minn dak it-terrimot[7].

L-istess Kunsill waqqaf ukoll kummisjoni apposta biex tara xi ħsarat saru u fejn. Il-Kummisjoni ħadmet bis-sħiħ u tat rapport dettaljat ħafna fit-22 ta' Jannar 1693[8].

STEFANO ERARDI,
Il-Madonna tal-Grazzja

www.gozocathedral.org.mt

TASIKA AUTO LTD



GOZO AGENT FOR:

MERCEDES

RENAULT

OPEL

SAAB

SUBARU

LADA

ELMO INSURANCE

Fortunato Mizzi Street, Victoria - Gozo. Tel: 553288

www.gozocathedral.org.mt

F'Ghawdex ukoll, il-kleru u l-poplu talab 'l Alla biex, l-interċessjoni tal-Imqaddsa Xebba Marija, jeħlishom minn dik il-ħsara li ġab miegħu terremot hekk qawwi.

Il-poplu Ghawdxi dejjem wera' qima u mħabba lejn Marija, Omm Alla, meqjuma f'kappella żgħira li kienet tinsab fl-inħawi ta' Forn il-Ġir, qrib il- Belliegħa, fit-triq li mir-Rabat tieħu lejn Marsalforn. F'dik il-kappella, l-Ghawdxin sabu l-faraġ f'kull hemm wisq qabel it-terrimot ta'1693. Ghalhekk l-istess kappella kienet imsejħa " tal-Madonna tal-Grazzja"[9] . Dan it-titlu kompla jissaħħaħ wara dik il-ġrajja tal-biża'.

B'radd il-ħajr 'l Alla ghall grazzja tal-ħelsien mit-terrimot, ghat-talb ta' l-Imqaddsa Sidtna Marija, u ta' Sant Ursula, Xebba u Martri, Patruna ta' Ghawdex, l-ghaxar kanonċi tal-kapitlu tal-Matriċi ghamlu wegħda li, kull sena, fit-tieni Ħadd ta' Jannar, imorru Purċissjoni Ġenerali flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u mar-Reliġjużi tar-Rabat u l-poplu, bir-Relikwa ta Sant' Ursula, fil-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja. Hemm kienu jiċċelebraw quddiesa solenni filgħodu, u filgħaxija jitkanta l-Ghasar. L-istess Kanonċi wegħdu wkoll, minn jeddhom li jagħmlu ghoja ta' skudi ghall-ħtiġijiet tal-Kappella msemmija. F'dik il-Purċissjoni ta' radd-il ħajr, wara l-Kapitlu tal-Matriċi, kienu jimxu wkoll il-Gvernatur, is Senat u l-Kapijiet ċivili tal-gżira[10].

Il-Kanonċi, biex juru ir-rieda tagħhom b'tifkira dejjiema, iffirmaw dikjarazzjoni fil-25 ta' Jannar 1693 dwar dak li wegħdu. Imbagħad, iktar tard, fis-16 ta' Mejju 1698, l-istess wegħda ġiet imseddqa bil-kunsens ta' l-Isqof ta'Malta, Mons. David Cocco Palmieri, imfisser mill-Vigarju Ġenerali tiegħu, Don Antonio Manso, waqt il-vista li kien qieghed jagħmel ġewwa Ghawdex f'isem l-istess Isqof[11].

Dik il-Purċissjoni Ġenerali baqghet tinżamm ghal 275 sena, jiġifieri sal-1968, metal-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi, allura Amministratur Appostoliku ta' Ghawdex, waqqaf il-purċissjonijiet votivi u amar li flokhom issir Quddiesa skond ir Ritwal[12]. Izda l-offerta ta' 10 skudi mill-Kapitlu tal-Katidral ta' Ghawdex ghadha ssir sa llum.

TISSAĦĦAĦ IL-WEGĦDA

Il-Kanonku Benedetto Stellini ħaseb biex isaħħaħ dik il-wegħda u jkabbar il-qima lejn il-Madonna, billi fit-Testment li ghamel fit-28 ta' Novembru 1799, f'Atti tan-Nutar Lodovico Spiteri, waqqaf fondazzjoni ghal-Lampier quddiem ix-xbieha tal-Madonna, b'ghotja ta' 10 skudi fis-sena li kellhom jitnaqqsu mill-Prebenda tal-Kanonku Penitenzier tal-Matriċi. Il-Kanonku Stellini ordna wkoll lill-eredi tiegħu biex joffru elemożina ghal quddiesa kantata "Coram Ssmo. Exposito" li kienet issir wara l-Purċissjoni tal-wegħda. Il-Kanonku Penitenzier (p.t) tal-Katidral ta' Ghawdex ghadu jwettaq ir-rieda tal-Kanonku B.Stellini b'riżq ix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja[13].

Fondazzjoni oħra, bl-istess skop, kienet twaqqfet daqs 20 sena qabel mis-saċerdot Dun Bernardo Axiaq b'kitba min-Nutar Giovanni Callus, tat-12 ta' Jannar 1679 [14].

Meta fl-1736 il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja giet mgħotija lill-Patrijiet Kapuċċini[15], u minflokha nbniet dik li naraw llum bil-kunvent ħdejha, il-wegħda ta' 10



Il-Gran Mastru
ADRIEN DE WIGNACOURT
1690-1697

www.gozocathedral.org.mt

GOODYEAR

WEDGE and V-BELTS

Premium Quality Belts That Offer More Than Any Other Standard Belts Of Their Kind

YOUR POWER CONNECTION

MACHINERY V-BELTS

in all sections & size lenghts up to 590''

Sections Available:

★ 10Z/M ★ SPZ ★ 13A/SPA ★ 17B/SPB ★ 22C/SPC ★ SPC ★ 25M
★ 32D&E ★ Variable Speed Belts ★ Conveyor Belts ★ Timing Belts
★ Double Side Timing Belts ★ Office Machinery Belts
★ Double V-Belts ★ Multi VVV-Belts

and all sorts of

WATER High Pressure and CHEMICAL HOSES

ALL BELTS Are Matched For Life. Oil Resisting & Static Conducting

A Good Job Requires The Best

Sole Distributors:-

SCICLUNA ENTERPRISES LTD.

165, CONGRESS ROAD - MOSTA

Tel: 432992 / 432997 Fax: 432899 Tlx: MW 1582

ABSOLUTELY NO CONNECTION WITH ANY OTHER FIRM

LINO - TA - RIU

www.gozocathedral.org.mt

skudi giet imġedda b'kitba Legali tal-15 ta' Jannar 1740 f'Atti tan-Nutar Salvatore Cordina [16].

IL-PITTURA TA' STEFANO ERARDI

L-Istoriku Għawdxi, il-Kan. Ġ.F. Agius de Soldanis, ighid li "ftit wara t-terrimot" u b'tifkira tal-weghda li għamlu l-kanonċi, il-pittur Malti Stefano Erardi (1630-1716) ġie mqabbad ipitter fuq it-tila biż-żejt ix-xbieha ta' l-Imqaddsa Marija tal-Grazzja ghall-Kappella ta' Forn il-Ġir[17].

Erardi ħallielna kwadru mill-isbaħ, għalkemm iżghar milli hu llum, fejn il-Madonna tidher bilqieghda fuq is-shab, aktarx fl-oskur, naraw il-Purċissjoni Ġenerali dieħla fil-kappella l-qadima.

Għalkemm fuq dan il-kwadru la hemm firma u lanqas data, iżda mhemmx dubju li mhuwhiex ta' Erardi[18]; dwar id-data nafu sewwa li tpitter fi żmien il-Granmasrtru Fra Adriano de Wignacourt, li mexxa l-Ġzejjer Maltin u l-Ordni ta' San Ġwann mill-24 ta' Lulju 1690 sa l-4 ta' Frar 1697 [19].

Mhux biss, imma ladarba Agius de Soldanis jikteb li dan ġara "ftit wara t-terrimot", irridu nqegħduh bejn l-1693 u 1694.

Fl-istess sena li miet Stefano Erardi, l-Isqof ta' Malta, Mons. Giacomo Canaves, kien għamel viżta Pastorali f'Ghawdex, fejn fit-23 ta' Settembru 1716 iddeskriva l-Kwadru fl-istat oriġinali tieghu billi, fost hwejjeġ oħra, isemmi ż-żewġ anġli jżommu l-kuruna fuq ras il-Madonna u l-Purċissjoni Votiva, bla ebda ħjiel dwar il-Missier Etern li jidher fuqnett tal-Kwadru li ghandna llum[20].

Dan il-kwadru, għalkemm hu xoghol xi ftit tardiv, għax Erardi kellu madwar 65 sena meta pittru, pero' għandu valur dokumentarju siewi ħafna u mhuwhiex nieqes minn arti ta' ċertu valur u mportanza.

Ix-xbieha tal-Madonna bilqieghda fuq is-shab bit-tfajjel Ġesu' wieqaf ħdejha timla' b'mod sabiħ u qawwi l-parti centrali tat-tila. Jolqot il-għajn il-wiċċ devot u sbejjaħ ta' l-Imqaddsa Omm Alla u l-panneġġatura tal-libsa tagħa. Ix-xbieha tat-tfajjel Ġesu', mhux għal kollox sodisfaċenti, u l-qagħda tieghu hi aktarx wisq rettorika.

L-anġli u l-puttini li jiffurmaw bħal "mandorla" madwar il-Madonna u Binha, huma l-isbaħ element fil-Kwadru. F'wieħed minnhom tinhass l-influwenza ta' Mattia Preti, li miegħu Stefano Erardi gie f'kuntatt fl-1660 meta l-Preti ġie Malta. Din l-influwenza tispikka b'mod liriku fl-anġlu mqabbad mas-shaba min-naha l-eminija ta' isfel tat-tila[21].

Interessanti ħafna hija l-Purcissjoni li tidher sewwa sew kif waslet biex tidħol fil-Kappella l-qadima tal-Madonna.

Meta dik il-kappella ġiet mgħotija lill-Patrijiet Kapuċċini u flokha nbniet il-Knisja li naraw illum (1737-1745), il-Kwadru oriġinali ġie mkabbar mill-għoli u mill-wisgħa tiegħu biex joqgħod fil-gwarnić ġdid tal-ġebel fuq l-Altar Maġġur. Il-pittur Malti, Rocco Buhagiar (1725c-1805) żied il-figura tal-Missier Etern b'xi puntini madwaru [22] fuq ras il-Madonna b'mod li l-

IL-KWADRU OVALI
TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA

www.ghozzatriedi.org.mt

RAINDROPS

Tel: 554114 - 551254

Pet & Garden Centre

The Ideal Place to find
all pet and garden requisites including:

- A large selection of pesticides, herbicides and fertilizers;
- A range of sprayers from 1 to 16 litres including motorised ones;
- Artificial or fresh flower arrangements for any occasion;
- Seeds, bulbs and fruit trees;
- Indoor and exotic outdoor plants;
- Pots and decorative pot covers;
- Pets including pure breed rabbits;
- Pet foods.

- FREE EXPERT ADVICE ON PLANT DISEASES -

www.gozocathedral.org.mt

kwadru oriġinali rettangolari ta' madwar 190 x 136 cm., spiċċa biż-żieda tan-nofs tond fin-naha ta' fuq u sar kwadru ta' 300 x 190 cm.

Dan il-kwadru ġie nkurunat fis-27 ta' Jannar 1952 [23].

Għalkemm tqiegħdu b'devozzjoni, iż-żewġ kuruni huma sproporzjonati: dik fuq ir-ras il-Madonna mhix f'postha u l-oħra fuq ras il-Bambin hija goffa u ma toqgħodlux. Dawn iż-żewġ kuruni ġew misruqa, l-ewwel darba fil-5 ta' Mejju 1974 u wara ftit instabu. It-tieni darba nsterqu fid-9 ta' Lulju 1981[24]. Wara t-tieni serqa, il-kuruni baqgħu ma nstabux. Illum dawk li hemm fuq iż-żewġ xbiehat Imqaddsa la huma tad-deheb u l-anqas tal-fidda.

B'xorti ħażina, bit-tqegħid tal-kuruni fuq it-tila oriġinali, din sofriet u tilfet ħafna mis-sbuħija tal-bidu. Fil-pittura li ħarġet minn id Stefano Erardi, il-Madonna kellha biss kuruna miftuħa mpittra b'mod raffinat u miżmuma 'l fuq minn rasha minn żewġ anġli; it-tfajjel Ġesu' ma kellux kuruna.

Meta x-xbiehat ġew inkurunati, il-kuruna tal-Madonna giet mgħottija biż-żebgħa minn P. Faustin Borg Testaferrata OFMCap., u l-anġli baqgħu b'idejhom vojta[25].

Libertajiet ma' xogħol ta' l-arti huma dejjem ta' dannu għax imorru kontra l-hsieb oriġinali ta' l-artist. Imma issa aktarx wasal iż-żmien li l-kuruni jitnehhew darba ghal dejjem u id esperta terġa' tikxef il-kuruna oriġinali ta' Stefano Erardi. "Quod est in votis".

ABBOZZ JEW EX-VOTO ?

Hu maħsub li Erardi kien għamel abbozz f'għamla rettangulari tal-Kwadru Titulari li milli jidher jinsab f'kollezzjoni privata.

F'dan "l-abbozz" il-Madonna b'Gesu' Bnha tidher fil-genb tax-xellug fin-naħa ta' fuq tal-pittura. Wiehed malajr jintebaħ b'żewġ ħwejjeġ oħra mportanti f'dan il-kwadru : waħda minnhom hi d-data 1693, impittra b'numri kbar fuq bini fin-naħa t'isfel fuq ix-xellug, u l-oħra hi l-kappella l-qadima tal-Madonnafir-rokna tal-lemin tat-tila[26]. Il-Kappella bis-saqaf imżerżaq hi l-istess bħal dik li hemm fit-Titular ta' Stefano Erardi li ghandna naraw sa llum fil-Knisja tal-Kapuċċini [27].

B'riferenza ghal dan l-"abbozz", fuq folja stampata ghaliha waħedha u bla data - forsi wkoll maqluġħa minn xi ktieb - naqraw hekk :
"Questo abbozzo e' di Stefano Erardi, dal quale egli depinse il gran Quadro che oggi si venera sull'altare Maggiore della Chiesa dei RR.PP. Cappuccini in Gozo ....
"Nel basso del quadro si vede quella parte della campagna ove e' situato il Convento verso il quale si dirige la Processione Votiva che ogni anno parte dalla Matrice.... [28].

Iżda barra mill-Kwadru Titulari ta' S.Erardi, fil-Kunvent tal-Kapuċċini, għawdex, hemm pittura oħra, biż-żejt fuq it-tila, ta' għamla Ovali : 79 x 61 cm.

Mill-istil tagħha, din il-pittura tissejjaħ ta' żmien ta' transizzjoni bejn is-seklu 17 u s-seklu 18. Għalkemm artistikament il-kwadru ftit li xejn għandu x'joffri, imma bħala dokument storiku għandu valur konsiderevoli[29]. Hu dokument pittoriku tal-Purċissjoni tal-weghda li l-Kanonċi tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Matriċi t'Għawdex kienu għamlu fl-1693.

L-artist minkejja l-limitazzjonijiet tieghu, għamel ħiltu biex jagħti stampa, kemm jista' jkun eżatta, mimlija dettalji nteressanti tal-Purċissjoni dieħla lura fiċ-Ċittadella, wara li tkun żaret il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja.

Għajnejna jaraw d-dettalji tas-swar, tal-Knisja Matriċi, tal-bini bil-bandiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann tperper mar-riħ, ta;' l-ilbies tal-Kanonċi u ta' l-Awtoritajiet ċivili[30]. Il-Patrijiet Minuri Konventwali u dawk ta' Santu Wistin, li kienu diġa' jeżistu fir-Rabat t'Għawdex, narawhom fil-boghod, waslu biwx jidħlu ġewwa s-swar; għaldaqstant huma xi ftit nieqsa mid-dettalji mixtieqa. Jidhru wkoll tlett slaleb, jigifieri l-ewwel tnejn tal-Kleru Regulari (Patrijiet) u l-aħħar wieħed tal-Kleru Djoċesan.

Il-fuq miċ-Ċittadella, mistrieħa fuq shaba bajda fin-nofs tat-tila, tintlemaħ ix-xbieha ta' l-Imqaddsa Xebba Marija b'Gesu' tarbija f'dirgħajha. Madwar il-Kwadru hemm bordura ta' kulur safrani, wiesgħa żewġ pulzieri, li sservi ta' gwarniċ fittizju. Meta fl-1984 din il-pittura ġiet irrestawrata mill-Kav. Rafel Bonnici Cali', sarilha gwarniċ tal-kewba li naraw madwarha llum[31]. Id-differrenzi bejn il-pittura Ovali u dik ta' Erardi, Titular

CARMELO GAUCI LTD.

Importers of all kind of timber,
plywood, blockboard, chipboard, hardboard,
laminated plastics, hardware, woodworking &
aluminium machines

"CARGA" New Street, off Qormi Road,
St. Verera - Malta.

Tel: 445717 - 443861
TeleFax: 492846
Cables: ICUAG - MALTA

www.gozocathedral.org.mt

tal-Knisja, huma kbar u qawwija. Waqt li fit-titular tiddomina x-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja u l-purċissjoni ftit li xejn tispikka, fl-Ovali hu nteressanti l-fatt li l-artist, jew min ikkummissjonah, ried jiġbed iżjed l-attenzjoni fuq il-purċissjoni tal-Weghda; ghalhekk tiddomina ċ-ċittadella bil-Knisja Kolleġġjata Matriċi, u l-Kanonċi u l-Kbarat ċivili tal-gżira jidhru sewwa hafna fil-parti t'isfel tat-tila.

Iżjed, fl-Ovali, kif diġa' ghidna, naraw tlett slaleb tal-Kleru, waqt li fit-Titular bilkemm jidher wieħed u warajh il-kleru Djoċesan biss, quddiem il-kappella l-qadima; fl-isfond imċajpar naraw resqin il-mexxejja ċivili.

Tkun ħaġa xierqa li qabel ma tintemm din is-sena tat-Tielet Ċentenarju tat-Terremot u b'tifkira tal-weghda issir, ghal darb'oħra il-Purċissjoni mill-Katidral ta' Ghawdex ghall-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja ta' Forn il-Ġir. Jew tista' ssir f'Jannar 1994 f'eghluq it-tlett mitt sena mindu saret l-ewwel waħda.

---

1 SHOWER J. , Practical reflections on the late Earthquakes in Jamaica, England, Sicily, Malta, Anno 1962 [Ab Inc.] London 1693, pp. 9-29

2 NATIONAL LIBRARY, MALTA. AOM, Ms. 263, f.143 r-v; Libr. Ms. 387 ff. 88-87; Libr. Ms 18 pp. 46-464

3 CAPUCHIN PROV. ARCHIVES, FLORIANA. P. DELAGIO MIFSUD DA ZEBBUG, Ofm Cap., Ms. Cronica delli RR.PP. Cappuccini, p. 119.

4 ARCHIVES CATHEDRAL MALTA, MISC. 62 F.64; MISC. 169, pp. 1227-1230; ATTI CAPIT. Tom III p. 605 (11 Aprile 1693) ; SHOWER J., o.c. pp.29-31.

5 NLM. AGIUS DE SOLDANIS G.P.F. Gozo Antico e Moderno, Libr. Ms. 145 f.88 [p.40]; CPAF. CAMILLO CASSAR, Ms. (kopja) Notizie Intorno alla Processione votivo di S.Orsola, p.3

6 NOTORIAL ARCHIVES VALLETTA, DORBES G.B., R/237, Vol.13 ff. 174 r-176v.

7 NLM. AOM Ms. 263, f.138.

8 NLM. AOM Ms.263 f.138v-139v; 143; AOM Ms.1115 ff.170-172v.

9 ARCHIVES EPISCOPAL CURIA GOZO, VP. [1615] F.35V; NLM. Ms.Libr.1421, p.18.

10 Ara Kwadru Ovali fil-Kunvent tal-Kapuċċini, Ghawdex.

11 NAV. DORBES G.B., l.c.; NLM. Libr. Ms. 145 f.166 [p.101]

12 AEG, Cirkulari No. 14/68 Frar-Marzu 1968, par.5 (b).

13 UFFICCJU LEGATI - KAPUCCINI FLORIANA, Legat "Can.B. Srellini", Reg. 35/1.

14 ULKF, Legat "Don B.Axiaq", Reg. 5/1.

15 ARCHIEPESCOPAL ARCHIVES, MALTA VP. XXXIII ff.601-602; Bullarium CAPPUCCINORUM, Vol.III, Romae 1745, pp.304-306.

16 ULKF. Legat "Voto dei 10 Canonici" Reg.42/2. Ninnutaw li dan id-dokument ma jinstabx f'Atti tan-Nutar Salvatore Cordina imżmum fl-Ufficeju Notarili ta' Ghawdex.

17 NLM., Libr. Ms. 145f.185 [p.334]

18 BUHAGIAR M., Paintings in Gozo in GOZO - THE ROOTS OF AN ISLAND; Malta 1990, p. 102.

19 NLM. Ms. Libr.422 p.420; Ms. Libr. 1421 p.18.

20 ACM. PASTORALIA, Tom. IX/Ms.188/f.133r.

21 Hajr lil Mario Buhagiar ta' din in-nota dwar il-kwadru ta' S.Erardi. Ara wkoll BUHAGIAR M. , Paintings in Gozo, l.c.

22 CPAF. P. BELAGIO, o.c., p.314.

23 AEG. Cirkulari ta' l-Isqof G.Pace No.68 tas-6 ta' Jannar 1952; Lehen is-Sewwa, 26 ta' Jannar 1952.

24 IL-HAJJA, 6 ta' Mejju 1974 u THE TIMES, July 10, 1981.

25 Ara xbieha kif kienet qabel l-1952.

26 Taghrif moghti minn Mario Buhagiar. Hajr.

27 Din l-ghamla ta' kappella narawha mill-gdid fir-ritratt, biz-zejt fuq it-tila, ta' l-Isqof P. Alpheran li jinsab fil-Kunvent tal-Kapuċċini, Ghawdex.

28 Din il-folja tinsab ghand l-Awtur.

29 Mill-istess taghrif ta' Mario Buhagiar.

30 Ninnutaw ix-xebh kbir li hemm bejn ic-"Cittadella" kif tidher f'dan l-Ovali u il-"prospettiva del Gran Castello di Gozo" ta' P.Luigi Bartolo (+1753), ara AZZOPARDI FRANCIS, Padre Luigi Bartolo OFMCap. Designer and Historian in PROCEEDINGS OF HISTORY WEEK - 1992, pp.44-52.

31 Ara r-ritratt. Din is-sena (1993) tqieghed ghall-wirja tac-Centinarju tat-Terremot li twaqqfet fil-Muzew tal-Katidral ta' l-Imdina, Malta.

www.nazzocatheyear.org.mt

Management Systems Ltd

J. F. Kennedy Square Victoria Gozo

Tel: 557462

Offers

PERSONAL COMPUTERS for your home

COMPUTER BUSINESS SOLUTIONS

SOFTWARE PACKAGES

AFTER SALES SERVICE and support



Plus
Regular Courses in Business Subjects
Computer Courses
Computer Appreciation
Management at all levels

The leading Computer Company in Gozo

www.gozocathedral.org.mt

300 MIT SENA ILU
IT-TERREMOT LI ĠARRAF IL-MATRIĊI

studju ta'
Dun Joe Bezzina

KIENU kważi s-sagħtejn ta' wara nofsinhar tal-Ħadd, 11 ta' Jannar, 1693 — sewwa sew tliet mit sena ilu. Kien it-tieni Ħadd ta' Jannar, jum bħall-oħrajn. Ħafna nies kienu qegħdin iħejju ruħhom biex imorru l-Knisja ħalli, bħal kull nhar ta' Ħadd, jisimgħu lill-Arċipriet jew qassis minfloku jispjegalhom ftit ftit il-katekiżmu u jirċievu l-Benedizzjoni, li f'dawk iż-żminijiet kienet tingħata biss fil-Ħdud u l-Festi.

F'daqqa waħda l-art taħthom tilfet l-istabilità tagħha. Għamlet theżiża mill-iktar qawwija. *Terremot.*

It-terremot ta' Noto

Fl-istorja tiegħu ta' Għawdex, l-istoriku Għawdxi Ġann Piet Franġisk Agius De Soldanis jirrakontalna x'qalulu xi nies li kienu jiftakru sew dak il-jum. Fost l-oħrajn igħarrafna li uħud qalulu li fix-Xlendi il-baħar reġa lura daqqa ta' mil u mbagħad f'daqqa waħda b'saħħa kbira raġa daħal fil-port bi ħsejjes kbar. Fl-istess mument madwar wejba raba' f'ta' Ċenċ, magħrufa bħala l-Ġebel ta' Sannat, waqgħet il-baħar.

Il-Knisja Matriċi ta' Għawdex ġarrbet ħsarat konsiderevoli. Fl-1693, il-binja tal-Matriċi kienet qadima bil-bosta, aktarx l-eqdem knisja li kien hemm wieqfa f'Għawdex. Kienet binja ta' żmien l-Aragoniżi li mexxew lil Malta u Għawdex bejn l-1282 u l-1530. Mal-binja ewlenija kienu mill-aħħar tas-seklu ħmistax 'il quddiem inbnew diversi kappelli privati li wara ċertu żmien nifduhom mal-knisja ewlenija. Kienet binja għalhekk li kellha ma' tliet mit sena u iktar. Kienet ġarbet ħsarat konsiderevoli u kienu meħtieġa xi tiswijiet urġenti, iżda setgħet tibqa' tintuża xorta waħda.

Il-parroċċa ta' San Ġorġ, bħala binja u mhux bħala parroċċa, kienet ġdida fjamanta. L-ewwel ġebla kienet tqiegħdet għoxrin sena qabel, fis-7 ta' Awwissu, 1672. San Ġorġ, għalhekk ma ġarrabx għajr ħsarat żgħar. Għandi nfatti dubji serji dwar disinn bil-pinna ippubblikat kemm-il darba li juri konsenturi fil-faċċata u li, jingħad huma magħmulin b'effett ta' dan it-terremot. Il-kitba miegħu, m'għandhiex dubju, mhix kontemporanja mad-disinn. Ikolli ngħid li huma ħsarat magħmulin minn terremot posterjuri.

Dan it-theżhiż hu magħruf bħala t-terremot ta' Noto, għax l-epiċentru tiegħu kienet il-belt ta' Noto fi Sqallija. Peress li Għawdex hu eqreb minn Malta lejn Sqallija, it-terremot inħass iktar f'Għawdex. Iżda l-ħsarat f'Għawdex ma kienu xejn għall-ħerba li ħalla warajh fi Sqallija.

SANT' ORSLA
Pittura ta' Pawlu Camilleri Cauchi

L-AQWA DETERĠENT FIS-SUQ

TEXOL *hu magħruf għall-qawwa tiegħu, kwalità' u tenerezza fuq il-ġilda, li jintuża wkoll għan-nappies tat-trabi u jibżagħlek għal idek. Jibżagħlek ukoll għal flusek għax tuża ftit b'effett kbir!*

TEXOL *jaħsel platti, dixxijiet u borom li jkunu mċappsin bi żjut u xaħmijiet. Jintuża wkoll mill-'Confectioneries' u l-'Mechanics'!*

TEXOL *jaħsel ukoll ħwejjeġ ta' kull materjal inklużi tas-suf!*

TISTA' TUŻA L-ILMA BAĦAR

TEXOL *jintuża xorta waħda jekk int qiegħed f'xatt il-baħar, fuq yacht, dgħajsa jew xi ħaġ'oħra tal-baħar! Ir-riżultat ikun daqs dak ta' l-ilma ħelu! Inaddaf ukoll in-nafta li taqbad mal-ġisem fi xtut il-baħar.*

Distributuri f'Malta u Għawdex iċemplu:

825933

F'Għawdex ċempel:

Tel: 553447 (A&G Hili — Mġarr)
Tel: 556098 (Victor Hili & Sons — Mġarr)
Tel: 551555 (Gelluxa Ltd — Mġarr)

www.gozocathedral.org.mt

Il-Belt ta' Noto (l-Antika), imdawra bis-swar bħaċ-Ċittadella, saret borġ ġebel. Fil-Belt ta' Awgusta ukoll saru ħafna ħsarat. L-Ordni ta' San Ġwann, il-mexxejja ta' Malta f'dak iż-żmien, kellhom forn enormi u ħafna mħażen f'dik il-Belt. Tilfu kollox.

It-theżiż b'inqas intesità dam sejjer jumejn. Kien hemm bini ieħor li ġarrab ħsarat. Saru wkoll ħsarat fir-raba' u fil-bjar. Iżda, milli jidher, f'Għawdex ma miet ħadd. Kien miraklu!

Ħelsitna l-Madonna u Sant'Orsla!

Ftit sigħat wara t-terremot bdew jaslu l-aħbarijiet tal-ħerba kbira li ħalla fi Sqallija. Nhar l-14 ta' Jannar, il-Kunsill ta' l-Ordni ltaqa' urġentement u ddeċieda li immedjatament jibgħat ħames iġfna lejn Sqallija mimlija bl-ikel u mediċini ħalli jtaffu ftit mit-tbatija ta' dawk l-imsejkna. Twaqqfet ukoll Kummissjoni biex tirraporta dwar il-ħsarat li saru, liema rapport kien ippreżżentat fit-22 ta' Jannar.

Taħt il-presidenza tal-Granmastru Adrien de Wignacourt, il-Kunsill ordna li jsir talb pubbliku quddiem Ġesù Sagramentat espost f'Malta u Għawdex u ordna ukoll li jsiru tlett ijiet sawm. Tul dawn it-tlett ijiem, il-postijiet pubbliċi kollha, inklużi l-ħwienet ta' l-inbid, kellhom jinżammu magħluqa. Barra dan għal dik is-sena il-Karnival kellu jitħassar.

Meta l-Għawdxin semgħu mingħand nieshom li kienu joqogħdu fi Sqallija bil-ħerba kbira li t-terremot kien ħalla hemm ma għedewx iroddu ħajr 'l Alla:

Mill-mewt sobtu illiberana,
mill-infern Sinjur salvana.

Il-Għawdxin kienu ċerti li nħelsu minn dak il-flaġell minħabba d-devozzjoni kbira li kienet dejjem tħeġġeġ f'qalbhom lejn il-Madonna u lejn Sant'Orsla, patruna ta' Għawdex.

Purċissjoni votiva

Il-Kapitlu tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex, il-Kleru ta' San Ġorġ, il-membri ta' l-Universitas Gaudisii, jiġifieri il-Gvern Amministrattiv ta' Għawdex, f'laqgħa l-ġimgħa ta' wara, qatgħuha li b'turija ta' radd il-ħajr jinżlu f'purċissjoni penitenzjali bir-relikwija insinji u mirakluża ta' Sant'Orsla mill-Knisja tal-Matriċi għall-kappella filjali tal-Madonna tal-Grazzja f'Forn il-Ġir taħt il-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella.

Il-purċissjoni kellha ssir għall-ewwel darba l-Ħadd ta' wara, nhar il-25 ta' Jannar. U kellha tibqa' ssir kull sena fit-tieni Ħadd ta' Jannar. F'dak l-istess jum il-Kanonċi tal-Matriċi wegħdu bil-miktub li, ta' kull sena, jagħtu minn buthom offerta ta' għaxar skuti lill-Madonna.

Il-qassisin u l-poplu kollu Għawdxi ħa sehem fil-purċissjoni tal-25 ta' Jannar. Il-kleru kien immexxi mill-Provigarju Dun Ġammarija Vella, waqt li f'ras il-poplu mexa l-Gvernatur ta' Għawdex Fra Renato de Marconet de Cursay.

Kif il-purċissjoni waslet fil-kappella tal-Madonna tal-Grazzja, Dun Ġammarija qaddes għal dawk kollha preżenti u wara kulħadd reġa mexa lejn il-Matriċi wara r-relikwija ta' Sant'Orsla.

Kulħadd kien jaf 'l għaliex dak il-Ħadd Għawdex theżież minghajr ma mexxielu joqtol.

Ritratt ta' l-ewwel purċissjoni

Il-Kapitlu tal-Matriċi xtaq li ssir tifkira oħra dejjiema ta' din il-ġrajja — kwadru b'ritratt ta' l-

L-Isqof
DAVIDE COCCO PALMERI

www.gozocathedral.org.mt



SQUARE CELLAR

Widest Selection of:

- **Wines and Spirits**
- **American, English & French Cigarettes**
- **Finest Cigars**
- **Discounts on Larger Orders**

SQUARE CELLAR

Tel: 551845



Prop: Joseph Grech

St. Georges' Square, Victoria - Gozo

www.gozocathedral.org.mt

ewwel purċissjoni. Fi żmien qasir, forsi fl-istess sena, ordnaw kwadru ġdid għall-kappella tal-Grazzja, li kienet proprjetà taghhom. L-ordni, għalkemm ma nexxielniex sa issa insibu reġistrata, saret minghajr l-iċken dell dubju għand il-magħruf pittur Malti Stefano Erardi (1630-1716).

Eradi ngħata kummissjoni mill-iktar preċiża. Fuq kellu jpinġi Madonna bil-qegħdha bil-Bambin Ġesù wieqaf ħdejha kif jaf hu. Fin-naħa ta' isfel tal-kwadru kellu jpinġi din l-ewwel purċissjoni riesqa lejn il-kappella ta' Forn il-Ġir. Ma nafux meta tlesta, iżda kien żgur f'postu sa l-1697.

Tul il-Vizta Pastorali ta' l-Isqof Davide Cocco Palmieri f'Mejju 1698, il-Kapitlu wera x-xewqa li jġedded il-weghda tal-purċissjoni u tal-offerta b'dokument pubbliku. Dan sar permess ta' dokument reġistrat fl-Atti tan-Nutar Ġovanni Battista Dorbes, nhar is-16 ta' Mejju, 1698.

Fl-1736, il-Matriċi għaddiet il-Kappella tal-Grazzja lill-Ordni tal-Franġiskani Minuri Kappuċċini u l-imsemmija offerta kienet konfermata b'dokument ieħor fl-atti tan-Nutar Salvatore Cordina tal-15 ta' Jannar, 1740. Il-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja ta' Stefano Erardi kien solennament inkurunat nhar is-27 ta' Jannar, 1952.

Bini ta' knisja ġdida

Il-Kanonċi tal-Matriċi sadattant kellhom jieħdu deċiżżjoni iktar importanti. Iduru dawra kif imiss lill-Knisja l-qadima biex isewwu d-diversi konsenturi li saru mit-terremot ta' l-1693 u forsi anki minn oħrajn li saru qablu u naturalment mit-tmermir tal-ġebla tul il-mijiet ta' snin li l-knisja kienet ilha wieqfa, jew...

Għawdex, dejjem jikber fl-importanza u fil-popolazzjoni, kien jixraqlu knisja Matriċi isbaħ u aħjar. L-Arċipriet Dun Nikol Natal Cassia Magri kien lest jiffaċċja l-biċċa xogħol. Il-magħruf perit Malti Lorenzo Gafà weghdhom solennement li jaqdihom mill-aħjar. Kienet deċiżżjoni unanima u minghajr ħafna dewmien.

Inwaqqgħu u ntellgħu kollox mill-ġdid!

Nhar il-21 ta' Settembru, 1697, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Matriċi l-ġdida ta' Santa Marija — gojjel tal-arkitettura barrokka f'Għawdex.



SILTA MILL-KUNTRATT REĠISTRAT FL-ATTI TAN-NUTAR ĠIOVANNI BATTISTA DORBES - 1698

www.gozocathedral.mt

PARDI MOTORS LTD.

N.B. Republic Street,
Victoria, Gozo.

Telephone
556678 - 553744

- AUTO DEALERS
- AUTO SERVICE & SPARES
- PANEL BEATING
- SPRAY PAINTING
- TYRE & RADIATOR REPAIRS

www.gozocathedral.org.mt

L-INKIŻITUR CARLO FRANCESCO DURINI IŻUR IL-MATRIĊI KOLLEĠĠJATA TA' L-ASSUNTA FL-1735

Alexander Bonnici OFM Conv
HED, SThl, PhB.

Ma kenux ftit l-Inkiżituri li lil Għawdex tawh l-importanza li jistħoqqlu. L-akbar unur tahulu l-Inkiżitur Erkole Visconti meta fl-1677 daħħal Ministru għal Għawdex. Minbarra l-ewwel tnejn, l-oħrajn kienu kanonċi tal-Matriċi ta' l-Assunta.[1] Il-magħruf Ġwann-Piet De Soldanis kien imxennaq ħafna li jkun Ministru ta' l-Inkiżizzjoni. Għalkemm ġie mwieġed, hu miet qabel ma laħaq sar.[2] Kien hemm ukoll kurrier f'Għawdex biex iwassal id-denunzji minn Għawdex sal-Birgu. Dawn imbagħad saru tnejn għax wieħed ma kienx għadu biżżejjed.[3] Kien hemm ukoll l-Inkiżitur Lazzaro Pallavicino li, meta marad, telaq għal kollox mill-Birgu biex mar jistrieħ ġo Għawdex sakemm ġieħ il-permess li jitlaq minn Malta.[4]

FI ŻMIEN IL-MINISTRU MANGANI

Carlo Francesco Durini, Inkiżitur minn Milan, wasal Malta fl-10 ta' Ġunju 1735. Wieħed mid-dmirijiet tiegħu kien li jara kif isiru jħobbuh. Propju lilu qalulu minn Ruma *"Ikun ta' ġid għalik li int tkun toħgob lil kulħadd u li tkun affabbli"*.[5]

Kif wasal f'Malta, Durini beda jisma' fuq il-gżira ta' Għawdex. Dik il-gżira kienet tiddependi minnu, xejn inqas minn Malta, u, mhux biss bħala Inkiżitur, imma wkoll bħala Delegat Appostoliku. Billi hu kien imexxi mill-Birgu, kien skomdu għall-Inkiżitur li jħalli 'l Malta għal xi żjara f'din il-gżira.

Durini kkonferma lill-Kanonku tal-Matriċi Dun Baldassare Mangani bħala l-Ministru tiegħu f'dik il-gżira.[6]

L-GĦAWDXIJA LI TWASSAL RIVELAZZJONI

Durini, bilkemm kien ilu xahar f'Malta meta, fis-16 ta' Lulju 1635, kiteb lis-Sant'Uffizzju f'Ruma biex jisma' l-parir tal-Kongregazzjoni Suprema dwar każ li kellu x'jaqsam ma' Għawdex.

Domitilla, bint it-tabib Tommaso Carbot, kienet qed tgħid li, meta kienet fi Sqallija, serv t'Alla qalilha b'rivelazzjoni proyata li hu kellu dwar il-passjoni ta' Kristu. Lilha, hu taħa karta li fiha tniżżel il-kontenut tar-rivelazzjoni bit-tama li hi, bis-saħħa tagħha, tfiq minn magħmul li kienu tefgħu fuqha biex jagħmlulha l-ħsara.

L-Inkiżitur ikkonfiskalha dik il-karta miktuba għax oħrajn ukoll kienu qed jagħmlu użu minnha, daqs li kieku kienet irrivelata. Il-kontenut kien apokrifu u kontra l-fidi. Imma Durini ġġudika li x-xbejba ma kellhiex intenzjoni ħażina. Għalhekk, hu ma riedx jieħu passi kontra tagħha qabel ma jisma' l-fehma tas-superjuri tiegħu.[7]

Fl-10 ta' Settembru 1735, il-Kardinal Ottoboni wieġbu li dik il-kitba ġiet eżaminata mill-Kongregazzjoni Suprema. Id-deċiżjoni kienet li x-xbejba tiġi mwissija u ssir ukoll għassa biex kitba b'rivelazzjoni ta' dik l-għamla ma tibqax tinxtered.[8]



L-ARMA TA' L-INKWIZITUR FRANCESCO DURINI

www.gozocathedral.org.mt

DewFresh®

Super Grade COOKED HAM

FOR THE HAMBITIOUS!

When the best ham does not meet your taste...
Dew Fresh Super Grade cooked ham excels.

Available smoked, boneless, cooked gammons.
Sandwich size square ham. Also round ham. (Perżut tond)
Continental specialities: Pork and Ham Loaf,
Garlic Sausage, Porkloaf, Lyoner Salami.

available at all leading stores

Exclusive wholesale distribution:

ALBERTOWN COLD STORES (J & C Pisani Limited)
Prince Albert Street, Albertown, Marsa. Tel: 229612, 621891

DewFresh® DewFresh® DewFresh®

www.gozocathedral.org.mt

LEJN GĦAWDEX FI ŻMIEN IL-GVERNATUR DUPEYROUX

Durini, li kien qed jgħaddi l-ġranet magħluq ġo palazz nieqes mill-arja u mill-kumditajiet, kien qed jisma' bl-arja tajba ta' Għawdex. Għalhekk, fi żmien il-frisk tax-xahar t'Ottubru, hu ddeċieda li jmur għal xi żmien f'dik il-gżira.

Hu kkomunika mal-Ministru tiegħu, il-Kan. Mangani. Lill-Ministru, hu tah l-istruzzjoni biex jinforma lill-Gvernatur tal-gżira. Nafu li l-Kavalieri kienu jmexxu 'l Għawdex permezz ta' Gvernatur li kien ikun membru ta' Ordni ta' San Ġwann. Il-Gvernatur ta' dak iż-żmien kien il-Kavalier Pierre Dupeyroux.

Durini kien se jinqeda b'dik l-okkażjoni biex il-vizta tiegħu tkun waħda uffiċjali. Għalhekk, il-Gvernatur kien bid-dmir li jilqgħu skond id-dinjità tiegħu għaliex Durini kien id-Delegat Appostoliku għal Malta u Għawdex.

IS-SALUT LILL-INKIŻITUR

Il-vjaġġ ta' Durini fuq il-baħar mill-Birgu għal Għawdex beda fis-26 ta' Ottubru 1735. Kif wasal quddiem it-torri ta' Kemmuna, b'istruzzjoni tal-Gvernatur ta' Għawdex, ittellgħet il-bandiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann u ġew sparati ħames tiri.

Lejn it-tlieta ta' wara nofs in-nhar, l-Inkiżitur daħal fil-port ta' l-Imġarr. Kif sbarka, lil Durini sellmulu b'disa' tiri mit-torri ta' Garzes li kien hemm fil-qrib. Dak it-torri kien fl-Imġarr. Il-Gran Mastru Martin Garzes kien ħalla l-flus għalih, imma kien tlesta fl-1605 fi żmien Wignacourt.[9]

IL-LAQGĦA MAL-KBARAT TA' GĦAWDEX

L-inkiżitur sab jilqgħu lil Tommaso Carbot il-prim ġurat, li kien jiġi missier it-tfajla li semmejna: dik li l-Inkiżitur ma xtaqx jikkundannaha. Bħala Prim Ġurat, Carbot kien qieghed hemm biex jirrapreżenta lill-Gvernatur. Il-Prim Ġurat kien imsieħeb mill-Kavallerija, li mxiet wara l-bandalora u wieħed bit-tromba f'idu.

L-Inkiżitur rikeb fuq bagħla, u baqa' sejjer lejn ir-Rabat. Kif wasal ħdejn is-salib tal-ġebel, Durini niżel minn fuq il-bagħla. Kien hemm jistennieh il-Kanonku Mangani, li kien il-Ministru ta' l-Inkiżizzjoni. Ftit passi lura, kien hemm il-Kavalier-Gvernatur Dupeyroux u l-maġistrat.

Waqt li dawn tawh merħba, Durini ġie mogħti t-tislima bi 12-il tir mill-kanuni tal-kastell ta' Għawdex. Imbagħad, flimkien mal-Gvernatur u l-Maġistrat, Durini baqa' sejjer lejn id-dar li hejjewlu biex joqgħod fiha. Wara li tkellmu ftit flimkien, l-Inkiżitur wassal lil dawk it-tnejn sal-bieb, u sellmu lil xulxin.[10]

JILTAQA' MAL-ARĊIPRIET FORMOSA

Dik ta' Durini ma kenitx xi viżta pastorali jew appostolika. Għalhekk, hu żar biss xi postijiet fir-Rabat li, fil-fatt, kienu jitqiesu li jirrapreżentaw kollox. Il-knisja ewlenija kienet il-Matriċi-Kolleġġjata ta' l-Assunta.

L-Arċipriet, il-Kan. Dun Franġisk-Adeodatu Formosa, kien ukoll il-Pro-Vigarju għal Għawdex. Minbarra li kien l-Arċipriet ta' l-Assunta, hu kien il-kappillan ta' San Ġorġ. Fil-fatt, il-Kolleġġjata kellha Arċipriet. Imma San Ġorġ kellha kappillan. Kien għad ma hemmx Arċiprieti oħrajn f'Għawdex.



IL-KNISJA TA' SAN FRANĠISK

www.maltaresearch.com

THE BEST FROM THE BEST

smeg

Built-In and Free Standing Fridges, Fridge / Freezers,
Gas & Electrical Cookers, Washing Machines, Dishwashers and Minibars.

Miele

Washing Machines, Tumble Dryers, Spin Dryers,
Dishwashers, Built-In Electric Hob and Ovens, Built-In Fridge / Freezers

Creda

Electric Cookers, Built-In Electric Hobs and Ovens,
Microwave Ovens, Washing Machines, Tumble Dryers & Spin Dryers.

NEW WORLD

Gas Cookers and Built-In Hobs and Ovens

EDESA

Washing Machines and Refrigerators

iar

Fridge / Freezers, Chest and Upright Freezers



Forestals

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo. *(On the Way to Ta' Pinu)*
Tel: 551234

www.gozocathedral.org.mt

Durini ma kienx se jżur 'il San Ġorġ b'mod uffiċjali. Fis-27 t'Ottubru, Durini mar iżur il-Kolleġjata ta' l-Assunta. Hu u dieħel, ingħatalu s-salut minn skwadra ta' suldati bl-armi f'idejhom. Huma sellmulu bid-daqq tat-tnabar u tal-fifra.

L-Arċipriet Formosa, liebes l-abiti korali, laqgħu fil-bieb u newwillu l-aspersorju ta' l-ilma mbierek. Fliemkien ma' l-Arċipriet, kien hemm sitt kanonċi u ħafna membri tal-kleru. Imdaqq ukoll l-orgni, imma l-qniepen ma ndaqqewx. Imbagħad, saru l-formalitajiet tas-soltu; viżta lis-sagrament fil-kappella u lill-artal maġġur. Lill-Inkiżitur wrew il-knisja u s-sagristija, u mbagħad akkumpanjawh sat-tarf tat-taraġ ta' quddiem il-bieb ta' barra. [11]

GĦAND IL-GVERNATUR

Id-dar tal-Gvernatur kienet fuq il-lemin tal-Kolleġjata. Ghalhekk, l-Inkiżitur baqa' sejjer minnufih għandu biex ipattilu għal-laqgħa tal-ġurnata ta' qabel. Dupeyroux laqgħu fil-bieb. Imbagħad, il-Gvernatur innifsu mar idawwar lil Durini biex urieh l-armerija, il-porvlista, u postijiet oħrajn tal-kastell. Il-Gvernatur wassal lill-Inkiżitur sa ħdejn l-aħħar rixtellu fit-tarf tat-taraġ tal-kastell.[12]

Wara li ltaqa' ma l-ogħla awtoritajiet ta' Għawdex, l-Inkiżitur għadda ġranet ta' mistrieħ fid-dar li ppreparawlu.

F'SANTU WISTIN U SAN FRANĊISK

L-Inkiżitur, fis-6 ta' Novembru, ried jiltaqa' mal-Patrijiet ta' Għawdex. Dak in-nhar, hu mar fil-knisja ta' Santu Wistin. Laqgħuh il-patrijiet kollha bid-daqq tal-qniepen u ta' l-orgni. Inxteħlu x-xemgħa kollha ta' l-artal maġġur u ħarġet quddiesa letta, li l-Inkiżitur qagħad jismagħha. Imbagħad, wrewh is-sagristija u l-kunvent, u baqa' ħiereġ mill-bieb tal-kunvent waqt li sellmulu bid-daqq tal-qniepen.

Fl-istess ġurnata, wara nofs in-nhar, Durini mar iżur il-knisja u l-kunvent ta' San Franġisk. Il-Franġiskani Konventwali għamlulu l-istess laqgħa bħalma saritlu mill-Agostinjani.[13]

IT-TISLIMA TA' L-AĦĦAR

Minn Għawdex, Durini kiteb lill-Kardinal Corsini u, fid-19 ta' Novembru, qallu li hu kien qed igawdi l-arja tajba ta' dik il-ġżira. Hu kellu f'moħħu li, wara ftit ġranet, jerġa' lura lejn Malta. It-tluq tiegħu minn Għawdex kien fit-28 ta' Novembru. Hu xtaq jerġa' jgħaddi jsellem lill-Gvernatur. Imma dan skuża ruħu għax kien mixħut.

Qabel ma ħalla d-dar tiegħu, lil Durini marru jsellmulu l-kanonċi tal-Kolleġjata, il-maġistrat, u l-patrijiet ta' Santu Wistin u San Franġisk. Mill-kastell, ġew sparati ħames tiri ta' kanun u seba' murtali bħala tislima. Il-prim ġurat u l-kavallerija akkumpanjawh sal-port ta' l-Imġarr. Hemm ukoll sellmulu b'disa' tiri mit-torri ta' Garzes, li fuqu ttellgħet ukoll il-bandiera.

L-Inkiżitur, mistrieħ, qabad triqtu lejn il-Birgu. Tliet tiri ta' kanun u żewġ murtali ġew sparati wkoll mit-torri ta' Kemmuna.[14]

Durini malajr raġa' ntafa' fuq il-ħidma tas-soltu. Dan l-Inkiżitur f'April 1739 temm il-ħidma tiegħu f'Malta. Minnufih, hu ġie magħżul Arċisqof titulari ta' Rodi, u ntbagħat Nunzju fl-Iżvizzera. Fl-1753, narawh Arċisqof Metropolita ta' Pavia u Amasea fl-Italja ta' Fuq. F'dik l-istess sena, il-Papa Benedittu XIV għażlu bħala Kardinal. Miet fil-25 ta' Ġunju 1769.[15] Neputi tiegħu, Mons. Angelo Maria Durini, kellu jkun hu wkoll Inkiżitur u Delegat Appostoliku f'Malta, u hu wkoll jiġi mgħolli għall-ġieħ ta' Kardinal.[16]

Dokumentazzjoni:

1. Ara "Għoġol tad-Deheb, Ix-Xitan, u Dagħa f'denunżji ta' l-Inkiżizzjoni quddiem Kanonċi tal-Matriċi", L-Għid ta' l-Assunta, n.27 (1992), pp. 19-21.
2. AIM, Corr., 30, ff. 459r-460r.
3. Dwar Kurriera: AIM, Mem., 16, f.9r.
4. Alex. Bonnici, Storja ta' l-Inkiżizzjoni, v.II, 1992, pp. 369-372.
5. AIM, Mem., 7, f.12r.
6. AIM, Proc., 116A, f.296r.
7. AIM, Corr., 95, f.33r-v.
8. Ibid., 27, f.147r.
9. Dwar it-Torri ta' Garzeas, ara Alex Bonnici, In-Nadur, v.I, 1988, pp.294-297. Hemm insibu wkoll ritratt ta' pittura ta' dan it-torri li m'għadux jeżisti.
10. AIM, Mem,. 7, f.336r-v.
11. Ibid., f.336v.
12. Ibid., ff.336v, 339r.
13. Ibid., f.339r.
14. Ibid., 99, ff.235v-236r.
15. Hier. Cath., VI, pp.16-7, 328, 357.
16. Ibid., p.82

www.gozocathedralmuseum.mt

BSL

BRITANNIA SERVICES LTD.

173, MELITA STREET, VALLETTA.

Tel: 238039 / 245418

LOURDES

Il-kumpanija tagħna hija Aġenzija ta' l-ivvjaġġar.

L-Aġenzija tagħna għandha programm sħiħ ta' ġita għal Lourdes fuq titjiriet diretti ta' l-Air Malta bi prezzijiet tajbin u lukandi mill-aqwa fuq basi ta' FULL BOARD.



DIRECTORS: E. PACE BONELLO, L.L. BONELLO, N. FARRUGIA, A. TABONE.

www.gozocathedral.org.mt

IL-PREBENDA TA' L-ARĊIPRIET TAL-KATIDRAL

Traskrizzjoni tal-Professur Monsinjur Vincenz Borg

Din li ġejja hi deskrizzjoni dettaljata tal-Prebenda li kellu l-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex. Hi magħmula mill-Arċipriet Dun Salvatore Pontremoli fl-1637 jiġifieri qabel ma saret il-għaqda bejn il-parroċċa ta' Santa Marija u l-parroċċa ta' San Ġorġ. Sa żmien l-Arċipriet Mikiel Cefai din il-prebenda, flimkien mal-prebenda li kellu bħala Kappillan ta' San Ġorġ kienet tiġi amministrata minn min kien jokkuppa l-kariga ta' Arċipriet.

Illum ma għadux hekk għax bis-saħħa tad-Dokument ta' Baži maħruġ bl-awtorità tal-Vatikan din il-prebenda kienet bdiet tiġi amministrata mill-Kurja ta' l-Isqof li thallas ukoll lill-Arċiprieti u l-Kappillani kollha ta' Għawdex. Hekk titlob il-ġustizzja soċjali biex l-Arċiprieti u l-Kappillani jkollhom salarju kemm jista' jkun ugwali.

Din il-Prebenda — traskrizzjoni tal-Professur Monsinjur Vincenz Borg — qegħdha tiġi ppubblikata bħala dokument storiku peress li issa l-proprjetà kollha konessa mal-Knisja kienet mgħoddija lill-Gvern Malti.

Relazione dell'Arciprete di Gozo, Don Salvatore Pontremoli, circa la proprietà della Prebenda Arcipretale della Matrice di Gozo, datata 13 Dicembre 1637.

Conservata nell'Archivio Arcivescovile, Malta Segreteria Visite Pastorali, Vol. X 235r-241r.

235r "Io sottoscritto Don Salvatore Pontremoli, Arciprete della Matrice Collegiata Parrochiale del Gozzo della Diocesi di Malta per obedire l'ordine dell'Ill.mo et R.mo Mons.re Fra Don Michaele Giovanne Balaghier (sic) Camarasa nostro dignissimo Vecovo publicato qui nel Gozzo li 15 del mese di Novembre. Revelo possedere detta Mastrice parrochiale per renuncia à mio favore fatta dal q.dam Don Gio. Mattheo Giuppara con Bolle Apostoliche spedite in Roma l'anno ab Incarnatione 1621 17 Kal. Julii. In virtù delle quali fui esaminato, et approbato dal Sig.re Don Filippo Borgio alhora Vicario Generale, et altri Synodali Esaminatori in Birchircara della Diocesi di Malta sotto li 4 Ottobre 1621 et in essa Parrochia li 9 del detto ho preso il possesso, li X del medesimo foro publicate dette bolle nella Cattedrale di Malta, et li 15 del detto mese d'Ottobre 1621 ho fatto la professione della fede in mano del sopradetto Sr. Vicario Generale di Monsignore alhora Vescovo Cagliarese, come appare del tutto per la fede dell'atti della Gran Corte Vescovale della Valletta sotto le giornate sopra calendate.

La qual matrice Parrochiale e stata dalla fel. mem. di Mons.re Cagliarese, Vescovo di Malta, eretta in Collegiata, constituendo con il Parocho altri sei Sacerdoti, dando al Parocho titolo d'Arciprete, et prima dignità, come ho ritrovato per scritture autentiche, ch'anticamente si nominava, et alle altri sei sacerdoti di Canonici in atti della sua quarta Generale Visita sotto li 6 Giugno 1623. Quale poi nella Synodo del 1623 fu confermata, et a essa

235v Collegiata nel medesimo anno fu applicata l'heredità del q.dam mag.co Sr. Nicolao Macanuc con obbligo di sodisfare compitamente la pia volontà del detto q.dam Macanuc, et principalmente di tenere continuamente un theologo per predicare li giorni di festa, et insegnare il Catechismo nelle Domeniche dentro la detta Matrice al popolo del Gozzo.

Le quali erettioni in Collegiata, con la reduttione dell'elemosine delle messe in recitare giornalmente li divini officii, et applicatione della sudetta heredita' alla detta Collegiata sono stati convalidati, et approbati dalla Sagra Congregatione del Concilio sotto li 31 Maggio 1631 nel XV trennio della visita ad limina di detto Mons.re Cagliarese.

Alla sudetta Parrochiale Chiesa, et al suo Parocho fu unito della bon. mem. di Nostro Signore Pio Quinto il gius decimarum dell'Isola del Gozzo del quale io sto in quasi possessione di salme

www.gozochurch.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

IL-KNISJA KATIDRALI
MŻEJNA GĦAL SANTA MARIJA MAS-SITTIN SENA ILU.

cinque in circa l'anno di frumento, orzo, et frumento misto, a quali sono obligati rispettivamente alcuni beni stabili, come distintamente appare nel quinterno di dette decime conservato appresso di me. Si come anco foro unite le terre ta rihan con una fontana in esse in contrata ta dahlet Corrot, sive ridum il chibir consistenti in dodici tomonate di terreno in circa coltivati nel vallone d'acqua pluviale ta' rihan con la sopradetta fontana d'acqua corrente nel mezzo di detto vallone, et un altra fontana d'acqua sorgente dalla parte do mezzo giorno in detto vallone. Confinate dette dodici tomonate di terreno da levante dalla ripa del mare, da mezzo di dal ridume, Rocca, et spatio publico, da ponente dal publico et strade, et da tramontana da strada per il ridume grande et esso ridume.

